MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1082/1994/2

Kawza fil-lista: 27

**Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi, Maria mart Domnic Fenech u l-istess Domnic Fenech, Doris mart Emanuel Attard u l-istess Emanuel Attard, f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' hutha imsifrin Stella Saliba mart Alfred u l-istess Alfred Saliba, u ta' Frank Busuttil, Anthony Grech, u Nazzareno Grech**

**vs**

**1. L-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1994 gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Francesco Cilia, iben Tommaso;**

**2. U b'digriet tat-12 ta' Jannar 1995 Salvatore Sciberras gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-eredita` giacenti ta' Vincenzo Cilia, iben Tommaso;**

**3. U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Angelo Cilia, iben Tommaso;**

**4. U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Rachel Spiteri Bonello u l-Prokuratur Legali Josette Miceli Farrugia gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` giacenti ta' Giuseppe Cilia, iben Tommaso;**

**5. U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Joseph P. Bonnici u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Giovanni Cilia, iben Tommaso;**

**6. U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Robert Mangion u l-Prokuratur Legali Davina Grima gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` giacenti ta' Giorgio Cilia, iben Tommaso;**
**7. U b'digriet tat-23 ta' Novembru 1994 Polly Brincat giet nominata kuratrici biex tirrapprezenta lill-eredita` giacenti ta' Vincenzo Micallef, iben Paolo;**

**8. U b'digriet tad-19 ta' April 1995 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Edgar Montanro gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Giuseppe Micallef, iben Paolo;**

**9. U b'digriet tal-20 ta' April 1995 Clara Micallef giet nominata kuratrici biex tirrapprezenta lill-eredita` giacenti ta' Francesco Micallef, iben Paolo; u b'digriet ta' l-24 ta' April 2001 il-Qorti awtorizzat li jigi kjamat in kawza l-eredi gjacenti ta' Francesco Micallef li huwa Joseph Sant;**

**10. U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Maria mart Giacomo Calleja, bint Paolo Micallef;**

**11. U b'digriet tal-4 ta' Frar 1996 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew estromessi mill-kawza u minflokhom il-Qorti innominat lil Paul Vella bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti ta' Maria mart Giacomo Calleja, bint Paolo Micallef;**

**12. U b'digriet tas-17 ta' Awissu 1998 il-kuratur deputat l-Avukat Dr Raymond Pace gie sostitwit u nhatret minfloku l-Avukat Dr Tanya Sciberras Camilleri;**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li fiha l-atturi ppremmettew illi:

Peress illi in forza tat-testment ta' Tommaso Cilia iben Carmelo u ta' martu Concetta Cilia, bint Francesco Busuttil, tad-09 ta' Lulju 1938, fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono (Dok. A), il-partijiet f'din il-kawza huma il-kompropretarji indivizament tal-propjeta u d-drittijiet komprizi fl-atti ereditarju ta' l-imsemmija Tommaso u Concetta mizzewgin Cilia, kwantu ghal atturi Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi u Maria mart Dominic Fenech fi kwota ta' wiehed minn sitta u tlettin (1/36) parti kull wiehed u wahda, kwantu ghall-atturi Doris mart Emanuel Attard, Stella mart Alfred Saliba, u Frank Busuttil, fi kwota ta' wiehed minn sitta u tlettin (1/36) parti kull wiehed u wahda u kwantu ghal atturi Anthony Grech u Nazzareno Grech fi kwota ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) parti kull wiehed, l-imsemmija Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi u Maria Fenech, wlied Maria Dolores mart Carmelo Azzopardi, l-imsemmija Doris Attard, Stella Saliba u Frank Busuttil, ulied Carmelo Busuttil u l-imsemmija Anthony Grech u Nazzareno Grech, wlied George Grech, u lil eredita giacenti konvenuta ta' Francesco Cilia, fi kwota ta' wiehed minn sittax (1/16) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Vincenzo Cilia, fi kwota ta' wiehed minn sittax (1/16) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Angelo Cilia, fi kwota ta' wiehed

minn sittax (1/16) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Giuseppe Cilia, fi kwota ta' wiehed minn sittax (1/16) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Giovanni Cilia, fi kwota ta' wiehed minn sittax (1/16) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Giorgio Cilia fi kwota ta' wiehed minn sittax (1/16) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Vincenzo Micallef, fi kwota ta' tlieta minn tnejn u tlettin (3/32) parti, lil eredita giacenti konvenuta Giuseppe Micallef fi kwota ta' tlieta minn tnejn u tlettin (3/32) parti, lil eredita giacenti konvenuta ta' Francesco Micallef fi kwota ta' tlieta minn tnejn u tlettin (3/32) parti, u lil eredita giacenti konvenuta ta' Maria mart Giacomo Calleja fi kwota ta' tlieta minn tnejn u tlettin (3/32) parti;

U peress li l-propjeta u d-drittijiet segwenti huma komprizi fl-assi ereditarju ta' l-imsemmija Tommaso u Concetta mizzewwgin Cilia, u cioe in piena propjeta il-fondi fi Triq il-Kbira (High Street), San Pawl il-Bahar, numri 245 (qabel 170), 246 (qabel 171), 247 (qabel 172), 248 (qabel 173), 249 (qabel 174), 250 (qabel 175), 251 (qabel 176), 371/372 (qabel 199/200), 220, 221, 237, 252, 377, 378, 380, 381, 382, 383, 384, 385, 386, 387, 403, 404 u 405, u l-fondi fi Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar, numri 1, 2, 3, 14, u 15, u l-fond f'Hal Qormi, Triq San Pietru, numru 63, u l-ghalqa jghidulha tal-Barumbara, limiti ta' Hal Qormi, tal-kejl ta' tmien sieghan cirka, tmiss mit-tramuntana ma raba ta' Carmelo Mifsud u mill-punent ma raba tal-Gvern; l-ghalqa jghidulha tal-Hofra, limiti ta' Hal Qormi, kontrada ta' l-Imriehel, tal-kejl ta' tlett titmiem cirka, tmiss mit-tramuntana ma raba ta' Orland, u mill-lvant mat-triq; l-ghalqa jghidulha ta' ma gemb tal-Hofra, kontrada ta' l-Imriehel, tal-kejl ta' erba' titmiem cirka, tmiss mill-lvant mat-triq, mit-tramuntana ma l-ghalqa ta' qabel; il-gnien fil-limiti ta' Hal Qormi, kontrada tal-Blat, tal-kejl ta' siegh cirka, u tliet kejliet, imiss mit-tramuntana ma triq, mix-xlokk ma sqaq; l-ghalqa Ta' Meimun, limiti ta' San Pawl il-Bahar, kontrada ta' Ghollieka, tmiss mill-punent ma sqaq, mit-tramuntana ma raba ta' Carmelo Gauci; tal-kejl ta' cirka ghoxrin tomna; l-ghalqa tal-Imbroll, tal-kejl ta' tmnejn u tlett sieghan cirka, limiti ta' San Pawl il-Bahar, kontrada ta' l-Erba' Imwiezeb, tmiss mill-punent ma raba tal-Gvern, minn nofs inhar ma sqaq; l-ghalqa ta' Taflija,

tal-kejl ta’ zewg titmien cirka, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, tmiss mill-punent ma sqaq, mill-lvant ma beni ta’ Giuseppi Schembri; l-ghalqa fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar, tal-kejl ta’ disa’ titmien u hames sieghan cirka, bir-razzett, jisimha tal-Karbuni, tmiss mit-tramuntana ma sqaq; ir-razzett bil-blat, imlaqqam tax-Xaghra, f’San Pawl il-Bahar, imiss mill-punent ma sqaq, mill-lvant ma beni ta’ Giuseppi Schembri; l-ghalqa jghidulha tal-Handaq, fil-limiti ta’ Hal Qormi, tal-kejl ta’ tlett titmien cirka, tmiss mit-tramuntana mat-triq ta’ Haz-Zebbug; u l-ghalqa ta’ Ghar Berbak, limiti tal-Mellieha, kontrada tax-Xemxija, tmiss mill-lvant mat-triq; u d-dirett dominium u cens perpetwu annwu ta’ 65 centezmu u hames millezmi fuq il-fondi numru 212 u 213, Triq il-Kbira, San Pawl il-Bahar, u fl-istess Triq il-Kbira, San Pawl il-Bahar, ta’ ₤1.25 centezmu fuq il-fondi numri 214, 215, u 216, ta’ ₤1.35 centezmu fuq il-fondi numri 217, 218 u 219, ta’ lira u 35 centezmu fuq il-fondi 223, 224, 222 u 225, ta’ 52 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond numru 226, ta’ 35 centezmu fuq il-fond numru 227, ta’ 52 centezmu u hames millezmi fuq il-fond numru 228, ta’ 67 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond 229, ta’ ₤1.60 centezmu fuq il-fondi numru 230, 231, ta’ 60 centezmu fuq il-fond numru 232, ta’ ₤1.25 centezmu fuq il-fond numru 233 u 234, ta’ 70 centezmu fuq il-fondi numri 235 u 236, ta’ 78 centezmu fuq il-fondi numri 237, 238 u 239, ta’ 75 centezmu fuq il-fond numru 388, ta’ ₤1.25 centezmu fuq il-fondi 390 u 391, ta’ ₤1.25 centezmu fuq il-fond numru 396, ta’ 62 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond numru 397, ta’ 24 centezmu fuq il-fond numru 399, ta’ 67 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond 400, ta’ ₤1.05 centezmu fuq il-fond numru 406, ta’ 93 centezmu fuq il-fondi numri 155 u 156; u d-dirett dominium u cens annwu perpetwu fuq il-fondi fi Triq Stella Maris, San Pawl il-Bahar, ta’ 53 centezmu fuq il-fond numru 6, ta’ 53 centezmi fuq il-fond numru 7, ta’ ₤1 u 7 centezmi fuq il-fondi numri 8 u 9, ta’ 42 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond numru 12, ta’ 24 centezmu fuq il-fond numru 13, ta’ 28 centezmu fuq il-fond numru 17, ta’ ₤2.72 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond numru 23, ta’ ₤3.27 centezmu u 5 millezmi fuq il-fond numru 24, u ta’ 2 liri, u 88 centezmu fuq il-fond numru 26; u d-dritt dominium u cens annwu perpetwu ta’ 53 lira u 48 centezmu fuq art mibnija maghrufa bhala ta’ Braxia, f’ High Street, Hamrun;

U peress illi l-atturi ma jridux li jibqghu fil-komunjoni tal-propjeta u d-drittijiet fuq imsemmija, u mhux prattikabbli li ssir divizjoni tal-propjeta u drittijiet imsemmija fil-kwoti rispettivi tal-partijiet fil-kawza, u huwa aktar prattikabbli li l-istess propjeta u drittijiet jinbieghu, partita partita b'licitazzjoni, u r-rikavat totali jigi ripartit in proporzjon tal-kwoti rispettivi tal-partijiet fil-kawza, u sussegwentement bejn l-eredi eventwali ta' l-ereditajiet giacenti fil-kawza;

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi tordna l-bejgh bi licitazzjoni tal-propjeta u drittijiet premessi, separatament, u li r-rikavat jigi percepit mill-partijiet fil-kwoti fuq premessi, previa l-valutazzjoni tal-propjeta u drittijiet imsemmija.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut kuratur Dr. RaymondZammit li biha jecepixxi illi hu mhux edott mill-fatti u jirriserva li jecepixxi ulterjorment;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Av. Dr. Joseph Bonnici u l-Prokuratur Legali Gerard Bonello nominati b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 1994, kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eredita' gjacenti ta' Giovanni Cilia, iben Tommaso.

Jeccepixxu bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti mhux edotti mill-fatti u jirrizervaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ikun opportun li ssir verifika tal-attiv u passiv tal-assi ereditarji, kif ukoll il-prova tal-allegati eredi.

3. Illi l-licitazzjoni hija permissibbli fil-kaz li l-assi ereditarji mhux komodament divisibbli, wara debita spezzjonu u valutazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Salvatore Sciberras bhala kuratur biex jirrapprezentaw lill-eredita' gjacenti ta' Vincenzo Cilia iben Tommaso.

Jeccepixxi bir-rispett:-

Illi l-eccipjenti nomine ma jsib l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici salv li jigu accertati l-interessati kollha fl-ereditarjiet kif ukoll il-kwoti rispettivi taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi premessi.

Jeccepixxu bir-rispett:

Illi l-eccipjenti ma humiex dedotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jipproducu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Rachael Spiteri Bonello u l-Prokuratur Legali Josette Miceli Farrugia li b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-eredita' giacenti ta' Giuseppe Cilia, iben Tommaso.

Jeccepixxu bir-rispett:

Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghac-citazzjonifl-ismijiet hawn fuq premessi u jirrizervaw id-dritt li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Av. Dr. Robert Mangion et. noe.

Jeccepixxu bir-rispett.

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw illi jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjonijiet tal-Perit Tekniku l-AIC Albert Fenech minnu debitament mahlufa;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Novembru 2004 (Fol 368 et seq);
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mir-relazzjonijiet tal-perit tekniku l-Perit Albert Fenech jirrizulta li l-fondi ndikati fic-citazzjoni mhumiex komodament divisibbli fit-termini tal-ligi.

Illi l-kwoti rispettivi tal-partijiet gew definiti fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Novembru 2004 u li ghaliha qeda ssir piena referenza; salv li fir-rigward tal-wirt ta' Concetta Cilia qed jigi rilevat li l-wirt taghha nqasam bejn ommha, Michelina armla Busuttil, u t-tlett hutha Dolores mart Carmelo Azzopardi, Carmelo Busuttil u huha l-iehor Antonio Busuttil [u mhux 'Antonia Busuttil' kif indikat fis-sentenza precitata]. Jizdied ghalhekk li l-atturi Anthony u Nazzareno, ahwa Grech, ulied l-imsemmi Antonio Busuttil wirtu is-sehem ta' missierhom fil-kwoti kif indikati fl-istess sentenza cioe' ta' 1/6 kull wiehed minnhom.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha u li tigi ordnata l-licitazzjoni tal-proprjeta' separatament fil-kwoti indikati fis-sentenza precitata.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta u tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-proprjeta' u drittijiet indikati fic-citazzjoni, u li r-rikavat jigi percepit mill-partijiet fil-kwoti kif indikati fis-sentenza precitata.

L-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet skond ir-rispettivi kwoti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------